MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru. 1329/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)

vs

Massimo Caruso

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Massimo Caruso ta' 33 sena, bin l-mejjet Antonio u Vera nee' Spada, imwieled Siracusa fl-14 ta' Jannar, 1973, u li joqghod f' No 71, Vinrit, Mill Street, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 22119A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Novembru 2006 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

(a) mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus EURO, meta kien jaf li huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kapitolu 2004 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(b) u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali, jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna jew persuni, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljett tal-flus EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(c) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqqanqal tama jew biza'dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn LM1,00 ghad-dannu ta' First Foods Franchises Ltd. u Arcades Ltd. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(d) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhal biex imexxihom jew ibieghhom. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U b'hekk Massimo Caruso, sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-poceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti nkluza l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat (a folio 8 u 9 tal-process).

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2007 u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfronti ta' l-imputat u meta sar l-ezami ai termini ta' l-Artikoli 390 (1) u 392 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq oha salv li ssibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat dwar il-piena:

Rat il-fedina penali ta' l-imputat, esebita fl-atti min fejn jirrizulta li l-imputat diga' ksier difrejh mall-ligi f'aktar minn okkazzjoni wahda.

Il-Qorti izda qieset ukoll is-segwenti fatturi:

Il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet.

Il-fatt li l-akkuzi jitrattaw fatt wiehed rigwardanti biljett wiehed ta’ mitt (100) euros.

Il-fatt li l-imputat obbliga ruhu li jirrizarcixxi lill-vittma u cioe’ lil First Food Franchises Limited, ghall-valur tal-biljett ta’ 100 euros.

Il-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-imputat ghamel programm ta’ riabilitazzjoni mill-problema tad-droga li kellu u qed izomm kuntatt kontinwu mal-Caritas.

Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi il-Qorti jidrilha li ghandha taplika dak li jipprovdi l-Artikolu 21 tal-Kapitlu 9 in kwantu jirrigwarda l-piena li ser tigi inflitta.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli 18, 309, 310 u 334 tal-Kapitlu 9 u l-artikoli 45 u 46 tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat Massimo Caruso hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300) u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14 (2) tal-Kapitlu 9 tista’ tithallas f’rati mensili u konsekuttivi ta’ LM100 b’dan illi l-ewwel pagement ikun dovut sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Jannar, 2007. U b’dan illi jekk l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames liri Maltin (LM5) dovuta.

Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ htija jigu konfiskati l-oggetti kollha esebiti u dan in vista tal-fatt li ma gewx esebiti l-ebda oggetti. Inoltre l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-kundanna ta’ l-imputat, ta’ l-ispejjez konnessi ma’ l-hatra ta’ esperti kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u dan peress li ma jirrizultax li kienu mahtura esperti.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 401 (3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha

ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------